**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 69/20/B

Victor Calleja

Vs

ROCS Group / Charichelon Co. Ltd

Illum, 27 ta' Awwissu, 2021

It-Tribunl:

Ra l-avviż tar-rikorrenti ippreżentat fit-8 ta' Ġunju, 2020

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata datat 18 ta'Awwissu, 2020

Ra l-Atti tal-proċess u d-dokumenti kollha esebiti:

Semgħa x-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet:

Ikkunsidra:

Illi fl-avviż imressaq quddiem it-Tribunal, ir-rikorrenti qed jitlob ħlas fl-ammont ta €100 għal rifużjoni subita ossia spejjeż tal-vaganza li huwa bbukja mas-soċjeta' intimata.

Illi fir-risposta tagħha, is-socjeta' intimata rappreżentatha mill-intimat Colin Aquilina, ċaħdet it-talba tar-rikorrenti u dan peress illi preliminarjament is-soċjeta' intimata offriet pagament lir-rikorrenti a saldu tal-pretensjonijiet tagħha skont kif stipulat f'Dok A u wkoll peress li l-kanċelliment tal-lukanda ma kienx jiddependi mis-soċjeta intimata iżda kien riżultat ta' azzjoni lil hinn mill-kontroll tas-soċjeta' intimata;

Illi r-rikorrenti xehed kif flimkien mal-mara tiegħu huwa bbukja vaganza għal 2 persuni ġewwa l-Italja Ruma mas-soċjeta' intimata, bejn l-20 u 23 ta' Marzu, 2020 . Illi nhar id-9 ta' Marzu, 2020, mal-wasla tal-pandemija COVID 19 f'Malta, ir-rikorrent mar l-uffiċini tas-soċjeta intimata u talab ghal rifużjoni tal-flus minħabba li kemm hu u kif ukoll martu bdew jibżghu mit-tifrix tal-mard. Ir-rikorrenti jgħid kif ir-rappreżentantha tas-soċjeta intimata qaltilhom li biex jaghtuhom tali rifużjoni, huma kellhom jikkanċellaw it-titjira u filfatt malli kkanċellaw fid-9 ta' Marzu, kienet l-istess ġurnata li għalqu Ruma. Illi tali

rifużjoni waslet l-ghada, jiġifieri l-10 ta' Marzu, 2020, iżda minflok l-ammont sħiħ, ir-rikorrenti nghata biss cheque fl-ammont ta €424, jiġifieri €100 inqas milli huwa kien ħallas. Huwa jkompli jispjega kif mac-cheque ircieva wkoll ittra biex jikkonferma li huwa rċieva u qed jaċċetta tali rifużjoni, liema ittra r-rikorrenti rrifjuta li jiffirma minħabba li kellu €100 neqsin. Wara diversi telefonati mal-intimat cioe' Colin Aquilina, ir-rikorrent dejjem inghata l-istess risposta illi peress li l-€100 kienu l-booking tal-lukanda, tali rifiżjoni kienet tmur oltre mill- kontroll tas-soċjeta intimata. Kien ghalhkkk li r-rikorrenti għamel kuntatt mal-MCCAA u kien biss wara li fetaħ il-kawża quddiem dan l-Onorabbli Tribunal li l-MCCAA qalulu li seta' jsarraf ic-cheque ta' €424. Minkejja dan huwa jgħid li ghalkemm ic-cheque sarrfu fit-8 ta' Mejju, 2020, kien biss fit-8 ta' Ġunju li fetaħ il-kawża quddiem dan l-Onorabbli Tribunal. Barra minn hekk, minkejja li l-istess rikorrent kien offrut rifużjoni mill- insurance ta €100 rappreżentanti booking tal-lukanda, huwa rrifjuta tali rifużjoni ghaliex skont ma gie infurmat f'email, hawn immarkat bħala Dok VC 2, kellha tkun is-soċjeta' intimata li tagħtih lura tali rifużjoni.

Fil-kontro eżami r-rikorrenti, jgħid illi l-unika soluzzjoni li ġie offrut biex jingħata rifużjoni kien li jikkanċella t-titjira u li kellu ma isiefirx. Huwa jgħid li qatt ma ġie offrut biex imexxi d-data tal-vaganza u kien biss wara li hu u l-mara wrew il-biża' tagħhom mit-tixrid tal-mard ġewwa Ruma u ix-xewqa li ma jmorrux ghall-vaganza illi talab lir-rappreżentanta tas-soċjeta' intimata rifużjoni tat-titjira.

Illi Colin Aquilina, in rappreżentanza tas-soċjeta' intimata, xehed bil-ġurament, fejn irrileva illi r-rikorrent huwa skorett meta jgħid li kien biss fid-9 ta' Marzu, 2020 li talab rifużjoni tat-titjira ghaliex filfatt l-ewwel darba li r-rikorrenti wera x-xewqa li jħassar it-titjira kien filfatt fl-4 ta' Marzu, 2020 u f'liema ġurnata Ruma kienet ghadha kollox miftuħ ul-ivjaggar kien għadu mhuwiex affetwat. L-intimat jagħmel riferenza għal Dok R1 u jgħid li r-rifużjoni mogħtija lura lir-rikorrenti kienet skont dak stipulat u ffirmat mir-rikorrenti nnifsu. Barra minn hekk, l-intimat jispjega kif skont il-Klawzola 13 ta Dok R1:

*"The customer should note that if the cancellation falls within the terms of his/ her insurance cover, he/she may be able to claim a refund of his/ her cancellation charges from his insurance company"*

u hawn l-intimat jirriferi ghal Dok R2, li hija l-polza tal-assigurazzjoni li tispeċifika;

*"[the insurance company] will pay you for:*

*a. Travel and accommodation expenses, including kennel and cattery fees, that you have already paid or contracted to pay and which you cannot get back including prepaid car hire, excursions, tours or activities, if it is necessary and you cannot avoid cancelling or abandoning your trip;*

*b. Reasonable extra travel costs if it is necessary and you cannot avoid abandoning your trip ;*

*vii) if you or your travel companion being prevented from travelling because of a Maltese Government restriction arising from an epidemic or pandemic;"*

In vista ta' dan, l-intimat ikompli jisħaqq li minkejja li meta sar l-ikkanċellar tal-vaganza, jiġifieri fid-9 ta' Marzu, 2020, il-lukanda ġewwa Ruma kienet miftuħa, kienet is-soċjeta' intimata stess li ddefendiet lir-rikorrent u talbet lil-lukanda biex kemm jista jkun jimminimizzawlu l-cancellation fee, kif filfatt irnexxilhom inizżluha għal €100, anke jekk tali cancellation fee kellha tithallas in *full* ghaliex l-ajruport kien miftuħ u kien biss fl-20 ta' Marzu li tali ajruport għalaq. L-ittra mibgħuta mac-cheque skont ma jixhed l-intimat hija standard procedure bħala prova tat-tali pagament in *full and final settlement.* L-intimat jaghlaq ix-xhieda tieghu billi jgħid li huwa jidhirlu li r-rifużjni mogħtija lir-rikorrent hija waħda xierqa, iżjed u iżjed meta wieħed iqis li l-pakkett ibbukkjat mir-rikorrent kien wieħed *non refundable.*

Fil-kontro eżami, meta l-intimat gie mistoqsi rigward xi tip ta' prova tal-ġranet li fihom ir-rikorrent wera x-xewqa li jikkanċella l-booking, huwa jirrispondi li s-soċjeta' intimata żżomm records ta' kull komunikazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent ikkancella t-titjira tieghu fid-9 ta' Marzu, 2020;

Illi kien biss minħhabba t-tixrid tal-pandemija ġewwa Ruma illi r-rikorrenti għażel li jikkanċella t-titjira;

Illi minkejja li fiż-żmien li r-rikorrenti kkanċella t-titjira l-ajruport kien għadu miftuħ, is-soċjeta' intimata xorta wahda iddeċidiet li tatih rifużjoni ta' €424.

Illi fic-ċirkostanzi tal-każ preżenti, it-Tribunal jinnota illi mal-istess cheque u dikjarazzjoni kien hemm ukoll ittra bħala prova tar-rifużjoni moghtija. Illi ghalhekk ghat-Tribunal jidher ċar illi mal-cheque ir-rikorrenti kien rcieva l-ittra mibghuta minn Colin Aquilina kif ukoll il-formola li ghalija ssir referenza. Illi ghalhekk it-Tribunal jqis illi d-dokumenti determinanti ghas-soluzzjoni ta' l-avviz hija propju l-formola mibgħuta li fiha dikjarazzjoni illi l-pagament moghti kien full and final settlement.

Illi din id-dikjarazzjoni ma ġietx iffirmata mir-rikorrenti Victor Calleja. Pero' kif ġie deċiż minn dan it-Tribunal kif diversament kompost fil-kawza: *Antoine u Christine Micallef vs Charichelon Co Ltd* deciza 17 t' April 2019, il-fatt illi c-cheque gie imsarraf huwa minnhu

nnifsu accettazzjoni tat-tisrif taht dawk il-kondizzjonijiet moghtija mis-socjeta' intimata u cioe' illi r-rikorrenti ma kellhom iktar pretensjonijiet fil-konfront tas-socjeta' intimata.

Illi fil-kawza *'Peter u Madeleine, konjugi Vella de Fremeaux vs Eagle Star (Malta) Limied (C-104) pro et noe'* deciza mil-Qorti tal-Appell Sede Superjuri datata 09 ta' Novembru 2002 il-Qorti rrilevat:

> *"l-principju enuncjat mill-Qorti tal-Appell [sede kummercjali], li l- kreditur m'ghandux dritt ibiddel unilateralment il-modalita` ta' pagament offrut lilu mid-debitur; u ghalhekk mhuwiex legalment konsentit li, min jaccetta pagament kondizzjonat bi kliem li inekwivokabbilment jfissru li dak il-pagament kien qed jigi effettwat ghas-saldu, ibiddel il-modalita` ta' dak il-pagament"*

Illi minkejja li nghata l-parir mill-MCCAA li tali cheque fl-ammont ta' €424 ma jsarrfux, huwa xorta wahda sarraf dan ic-cheque u ghalhekk skont l-insenjament tal-Qrati taghna l-accettazzjoni tar-rikorrenti billi sarraf c-cheque moghti lilu mis-socjeta' intimata jwassal lir-rikorrenti ma jistax jahrab mill-konsegwenzi ta' dokument Anness mal-istess cheque.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti ghandha tigi michuda.

DECIDE

Ghaldaqstant, it-Tribunal għar-ragunijiet fuq spejgati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, billi jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata u jiċħad it-talba attrici bl-ispejjeż ta' dawn il- proceduri jkunu a karigu tar-rikorrenti.

Avv. Paul Borg
Arbitru